

Domandi preliminari

- 1) Il-kunċetti ta' "spejjeż legali u spejjeż oħra raġonevoli u proporzjonati" fl-Artikolu 14 tad-Direttiva fuq l-infurzar [tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali] ⁽¹⁾, jipprekludu l-leġislazzjoni Belġjana li tagħti lill-qorti l-possibbiltà li tieħu inkunsiderazzjoni l-karatteristiċi speċifiċi ddefiniti partikolari għall-kawża u li tipprovdi sistema ta' tariffi fissi varjati fir-rigward ta' spejjeż għall-assistenza ta' avukat?
- 2) Il-kunċetti ta' "spejjeż legali u spejjeż oħra raġonevoli u proporzjonati" fl-Artikolu 14 tad-Direttiva fuq l-infurzar [tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali], jipprekludu l-ġurisprudenza li tgħid li l-ispejjeż ta' konsulenza teknika jistgħu jinġabru biss fil-każ ta' nuqqas (kuntrattwali jew extra-kuntrattwali)?

⁽¹⁾ Direttiva 2004/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-29 ta' April 2004, fuq l-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali (ĠU L 157, p. 45).

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Commissione Tributaria Provinciale di Catanzaro (l-Italja) fid-9 ta' Frar 2015 – Esse Di Emme Costruzioni Srl vs Tribunale Amministrativo Regionale della Calabria, Ministero della Giustizia, Ministero dell'Economia e delle Finanze

(Kawża C-59/15)

(2015/C 138/47)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Qorti tar-rinviju

Commissione Tributaria Provinciale di Catanzaro

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Esse Di Emme Costruzioni Srl

Konvenuti: Tribunale Amministrativo Regionale della Calabria, Ministero della Giustizia, Ministero dell'Economia e delle Finanze

Domandi preliminari

Il-prinċipju stabbilit mill-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – żviluppat, fil-qasam tal-kuntratti pubbliċi, mill-Artikolu 1 tad-Direttiva tal-Kunsill 89/665/KE, tal-21 ta' Diċembru 1989 ⁽¹⁾ –, li abbażi tiegħu kull persuna li d-drittijiet u l-libertajiet tagħha ggarantiti mid-dritt tal-Unjoni jkunu ġew miksura għandha tingħata rimedju effettiv quddiem qorti, jipprekludi leġislazzjoni nazzjonali, bħal dik li tirriżulta mill-Artikoli 9, 13 u 14 tad-Digriet tal-President tar-Repubblika Nru 115, tat-30 ta' Mejju 2002, applikabbli fil-każ ineżami, li timponi, għall-finijiet tal-aċċess għall-ġustizzja amministrattiva fil-qasam tal-għoti ta' kuntratti pubbliċi, il-ħlas ta' kontribut unifikat li l-ammont tiegħu huwa ogħla minn dak li huwa previst għall-aċċess għal qorti amministrattiva f'oqsma oħra?

⁽¹⁾ Direttiva tal-Kunsill 89/665/KEE, tal-21 ta' Diċembru 1989, dwar il-koordinazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi rigward l-applikazzjoni tal-proċeduri ta' revizzjoni għall-għoti ta' kuntratti ta' provvista pubblika u xogħlijiet pubbliċi [kuntratti pubbliċi għal provvisti u għal xogħlijiet] (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 1, p. 246).

Appell ippreżentat fil-11 ta' Frar 2015 minn Saint-Gobain Glass Deutschland GmbH mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (Il-Ħames Awla) fil-11 ta' Diċembru 2014 fil-Kawża T-476/14, Saint-Gobain Glass Deutschland GmbH vs Il-Kummissjoni Ewropea

(Kawża C-60/15 P)

(2015/C 138/48)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Appellanti: Saint-Gobain Glass Deutschland GmbH (rappreżentanti: S. Altenschmidt u P.-A. Schütter, avukati)